**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**ĠURISDIZZJONI SUPERJURI**
**SEZZJONI ĠENERALI**

**MAĠISTRAT DOTTOR SIMONE GRECH**
**B.A., LL.D., MAG. JUR. (EUR LAW)**

**Rikors Ġuramentat Numru 81/2018 SG**

**Paul Muscat**

**Vs**

**Is-Sur John Borg fil-kwalità tiegħu ta' Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex f'isem u għan-nom tal-istess Ministeru għal Għawdex**

**Dr Joyce Cassar fil-kwalità tagħha ta' Segretarja Permanenti fi ħdan il-People and Standards Division fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru f'isem u għan-nom tal-istess Uffiċċju tal-Prim Ministru**

**Illum, 8 ta' Novembru 2024**

**Il-Qorti;**

**Rat** ir-rikors ġuramentat ta' Paul Muscat ippreżentat fis-6 ta' Settembru 2018 li jaqra:

1. «Illi l-esponenti kien applika għall-post ta' supervisor (Ċittadella) fi ħdan idDipartiment tal-Proġetti u Żvilupp tal-Ministeru għal Għawdex (Riferenza tas-Sejħa MG27/2016). Kopja tal-

applikazzjoni li ħarġet hija annessa u markata bħala Dokument PM 1;

2. lli huwa kien ġie imsejjaħ għall-intervista in konnessjoni mal-applikazzjoni mitfugħa minnu (ittra sabiex jattendi għall-intervista annessa bħala Dokument PM 2) u ġie klassifikat ir-raba' fl-ordni tal-mertu u ġab sitta u ħamsin (56) punt. B'kollox kien hemm ħdax-il persuna (11) li applikaw għal dan il-post ta' supervisor (Ċittadella) u li minnhom għaddew sitta (6) biss bir-rikorrenti jiġi r-raba'(4) wieħed fl-ordni tal-mertu. Kopja tar-riżultat li ġie pubblikat fin-notice board tal-Ministeru għal Għawdex fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Ġunju 2016 huwa anness u markat bħala Dokument PM 3;

3. Illi għal post li għalih kienet tirreferi l-applikazzjoni intbagħtu żewġ individwi u ċioe George Scicluna li ġie fit-tieni (2) post u Francis Vella li ġie fil-ħames (5) post. Ian Masini li ġie fl-ewwel (1) post ġie sekondat mal-Ministeru għal Għawdex filwaqt li Joseph Refalo li ġie fit-tielet (3) post ingħata l-promozzjoni b'rabta ma' applikazzjoni oħra li huwa kien għamel ta' Supervisor (Beach Cleaning);

4. Illi la darba kien hemm żewġ postijiet li riedu jimtlew bħala Supervisor (Ċittadella), l-esponenti kellu jkun wieħed minn dawk li jintgħażlu għal dan il-post. Dan għaliex minn dawk li ġew qablu kienu biss George Scicluna li ġie assenjat fiċ-Ċittadella u skont l-ordni tal-mertu kien l-esponenti li kien imissu skont din l-ordni sabiex jingħata din il-promozzjoni. Minflok din il-promozzjoni huwa ma ħadhiex u ġiet assenjata lill-kandidat li ġie warajh fl-ordni tal-mertu u ċioe' Francis Vella, Dan bi ksur tar-riżultat li ħareġ il-Bord tal-għażla;

5. Illi dwar dan il-każ l-esponenti kien anke għamel rapport mal-Uffiċċju talOmbudsman fejn l-istess Ombudsman sab li l esponenti kien soffra inġustizzja għaliex ma ngħatax il-promozzjoni. Kopja tal-ittra mibgħuta lil Ombudsman u rrakkomandazzjoni finali tal-Ombudsman huma annessi u markati bħala Dokument PM4 u PM 5 rispettivament;

6. Illi mill-investigazzjoni li għamel l-Ombudsman irriżulta li kienu żewġ persuni biss minn fost is-sitta li intgħażlu għall-kariga ta' Supervisor (Ċittadella) bir-riżultat li inizjalment ġew magħżula l-ewwel żewġ persuni skont l-ordni tal-mertu. Madanakollu irriżulta li s-Sur Ian Masini li kien wieħed miż-żewġ persuni magħżula kien sussegwentement sekondat il-Ministeru għal Għawdex u għalhekk kien hemm u kien għad baqa' post vakanti għall-Supervisor ieħor fiċ-Ċittadela;

7. Illi mill-investigazzjonijiet li kompla jagħmel l-uffiċċju tal-Ombudsman irriżulta wkoll li ftit ġimgħat wara r-riżultat tal-intervisti għall-post ta' Supervisor (Ċittadella) kien hemm sejħa oħra għall-applikazzjonijiet għall-kariga ta' Supervisor (Beach Cleaning) fl-istess Ministeru liema posizzjoni kienet meqjusa bħala waħda (Ċittadella). LOmbudsman ġie nfurmat mill-Ministeru għal Għawdex li s-Sur Joseph Refalo, isSur Francis Vella u s-Sur John Spiteri li kienu kklassifikaw fit-tielet, fil-ħamsa u fissitt post rispettivament għall-kariga ta' Supervisor (Ċittadella) fis-sejħa għallapplikazzjoni ta' Supervisor (Beach Cleaning) li kienet ħarġet ftit wara dik taċĊittadella, dawn it-tlieta ngħataw il-promozzjoni ta' supervisor. Fil-fatt dawn ittlett impjegati kienu fost għaxar kandidati oħra li ngħataw il-kariga ta' Supervisor;

8. Illi l-Ombudsman fir-rapport tiegħu kompla jissenjala li l-esponenti flapplikazzjoni għall-post ta' Supervisor (Beach Cleaning) ġie klassifikat fil-ħdax-il post u għalhekk reġa' ma ngħatax il-promozzjoni. Mhux talli hekk, imma s-sur Francis Vella u s-Sur John Spiteri li fir-riżultat għall-post ta' Supervisor (Ċittadella) ġew wara l-esponenti ċioe' fil-ħames u fis-sitt post, fl-applikazzjoni għal Supervisor (Beach Cleaning) dawn ikklassifikaw ferm qabel qabel l-esponenti skont l-ordni tal-mertu. Irriżulta għalhekk li mis-sitt kandidati li għaddew għal post ta' Supervisor (Ċittadella) kien is-sur Paul Muscat biss li baqa' ma ħax il-kariga ta' Supervisor. L-Ombudsman ġibed l-attenzjoni wkoll għall-fatt li l-esponenti kien wieħed minn fost l-applikanti li għandu l-aktar kwalifikazzjonijiet u li kklassifika fir-raba' post fl-applikazzjoni għall-post ta' Supervisor (Ċittadella). L-Ombudsman ikkonkluda li meta jiġi kunsidrat li ftit ġimgħat wara l-esponenti jikklassifika filħdax-il post f'kariga inferjuri

għal dik tac-Ċittadella, jindika li kien hemm inġustizzja fil-konfront tal-esponenti;

9. Illi l-istess Ministeru għal Għawdex ikkonferma li kienet seħħet inġustizzja filkonfront tal-esponenti f'email datata ħdax (11) ta' Settembru 2017 mibgħuta lillUfficċju tal-Ombudsman, fejn l istess ufficċju ġie infurmat: "B'riferenza ghall-kaz R 0099, nixtieq ninfurmak li saret-talba lill-OPM sabiex inzidu aktar supervisors minn calls li hargu. Jekk din it-talba tigi approvata, is-Sur Muscat jinghata promotion ta'supervisor.";

10. Illi mill-konklużjonijiet tal-Ombudsman huwa ċar għalhekk li mis-sitt (6) persuni li kienu għaddew mill-eżami ta' Supervisor (Ċittadella) kien biss l-esponenti li baqa' ma ngħatax il-promozzjoni ta' Supervisor. Anke l-persuni li kklassifikaw warajh ingħataw il-promozzjoni ta' Supervisor;

11. Illi apparti minn hekk il-fatt li l-esponenti ma ħax il-promozzjoni ta' Supervisor meta huwa kien intitolat għaliha wassal sabiex l-esponenti tilef diversi żidiet filpaga kif wkoll allowances fosthom iżda mhux limitat għal allowances għal Ħdud u Festi Pubbliċi. Dan apparti telf ta' seniority kif wkoll telf ta' żmien sabiex huwa jagħmel progression minn skala għall-oħra tal-pagi;

12. Illi minkejja li l-intimati ġew interpellati biex jirrettiffikaw l-inġustizzja li saret malesponenti Paul Muscat billi huwa jingħata l-promozzjoni ta' Supervisor (Ċittadella) jew promozzjoni ekwivalenti u sabiex huwa jingħata l-paga kollha u l-benefiċċji kollha li huwa tilef u dan permezz ta' ittra uffiċċjali datata ħmistax (15) ta' Diċembru 2017 (Kopja annessa bħala Dokument PM 6) u protest numru tmienja u għoxrin tas-sena elfejn u tmintax (28/2018) datat tletin (30) ta' April 2018 (Dokument PM 7) l-esponenti baqgħu inadempjenti;

13. Illi in oltre jiġi senjalat li hemm wisa' biex l-esponenti jingħata din il-promozzjoni ta' Supervisor anke għaliex nhar il-Ġimgħa, wieħed u tletin (31) ta' Awwissu 2018 ħarġet applikazzjoni ġdida għal Supervisor (Riferenza MG265/2018) (Dokument PM 8);

14. Illi għalhekk l-esponenti ma kellux triq oħra għajr li jipproċedi b'dan ir-rikors ġuramentat;

15. Għidu għalhekk intom intimati għaliex ma għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

(i) Tiddikjara li l-esponenti Paul Muscat kien intitolat għall-promozzjoni ta' Supervisor (Ċittadella) peress li huwa kien imissu skont l-ordni tal-mertu biex jieħu tali promozzjoni;

(ii) Tordna lill-intimati sabiex b'mod immedjat huma jagħtu lir-rikorrenti il-promozzjoni ta' Supervisor (Ċittadella) jew inkella promozzjoni ekwivalenti;

(iii) Tiddikjara li bil-fatt li r-rikorrent ma ngħatax il promozzjoni ta' Supervisor (Ċittadella) mill-ewwel wara li dawk li ġew qablu ma ġewx assenjati t-tieni post li kien baqa', wassal sabiex l-esponenti soffra telf u danni;

(iv) Tiddikjara li dan it-telf u danni jinkludu fost affarijiet oħra telf ta' paga jew rimunerazzjoni li ġiet sofferta mill-esponenti minħabba li huwa ma ngħatax il-promozzjoni, telf ta' żmien sabiex huwa jagħmel progression minn skala għalloħra tal-paga u liema telf ta' żmien jkollu impatt fuq il-paga li huwa jipperċepixxi, telf ta' seniority kif wkoll telf ta' allowances għall-Ħdud u Festi Pubbliċi u telf ta' benefiċċji oħra;

(v) Tillikwida d-danni u t-telf kollu soffert mir-rikorrenti;

(vi) Tikkundanna lill-intimati sabiex iħallsu t-telf u d-danni kollha hekk likwidati bl-interessi bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data tal-likwidazzjoni tal-istess telf u danni sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċċjali numru 549/2017 datata ħmistax (15) ta' Diċembru 2017 u tal-protest numru 28/18 datat tletin (30) ta' April 2018.»

**Rat** ir-risposta ġuramentata ta' John Borg fil-kwalità tiegħu ta' Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, f'isem u għan-nom tal-istess Ministeru għal Għawdex, u ta' Dr Joyce Cassar fil-kwalità tagħha ta' Segretarja Permanenti fi ħdan il-People and Standards Division fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, f' isem u għan-nom tal-istess Uffiċċju tal-Prim Ministru, ippreżentata fid-29 ta' Ottubru 2018 fejn ġie eċċepiet:

«Illi l-eċċezzjonijiet tal-esponent hawn taħt elenkati qegħdin jingħataw mingħajr preġudizzju għal xulxin:

__Eċċezzjonijiet preliminari__

1. Illi preliminarjament, l-esponent Dr Joyce Cassar bħala Segretarja Permanenti fi ħdan il-People and Standards Division fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru mhijiex illegittima kontradittriċi ai termini tal-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta stante illi kap tad-dipartiment tal-Gvern inkarigat fil-materja in kwistjoni huwa l-esponent Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex. Għaldaqstant l-istess esponenti għandha tiġi liberata mill osservanza tal-ġudizzju;

2. Illi preliminarjament, mill-mod kif inhuma impostati t-talbiet huwa ċar jidher li din l-azzjoni hija ppernjata fuq l-Artikolu 469A (1) (b) (iii) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan minkejja li r-rikorrent ma jsemmix dan l-artikolu b'mod specifiku fir-rikors ġuramentat in risposta. Dan jirriżulta stante li dak li qiegħed jitlob irrikorrent huwa li l-Qorti tistħarreġ il-validità ta' deċiżjoni tal-esponenti li allegatament tikkonsisti f'abbuż ta' setgha ta' Awtorita' pubblika. Għaldaqstant, in vista li dak li r-rikorrenti qed jitlob li jiġi mistħarreġ imur lura ghal aktar minn sitt xhur, l-esponenti jeċepixxu illi l-azzjoni tal-attur hija waħda perenta, billi t-terminu perentorju ta' sitt xhur ikkontemplat fis-subinċiż (3) tal-artikolu 469A tal-Kap 12 iddekorra;

3. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, kuntrarju għal dak pretiż mir-rikorrent, din l-Onorabbli Qorti ma għandhiex il-funzjoni li tordna illi r-rikorrent jingħata l-promozzjoni mitluba u dana stante illi tali decizjoni ma taqax fil-mansjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti iżda hija waħda li, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 110 tal-Kostituzzjoni ta' Malta tispetta lillKummissjoni

dwar is-Servizz Pubbliku li tirrakommanda u bid-deċiżjoni aħħarija tkun tal-Prim Ministru skont l-istess artikolu;

4. Preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju għal-premess, l-azzjoni tarrikorrent hija legalment infondata billi l-allokazzjoni interna ta' vakanzi jew postijiet tax-xogħol ma jaqax fid-definizzjoni ta' "egħmil amministrattiv" għallfinijiet tal-istess artikolu (Art. 469A(1) u (2) tal-Kap. 12) in kwantu l-istess artikolu jipprovdi illi "“egħmil amministrattiv" ... ma tinkludix xi ħaġa li ssir bl-għan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorità.";

Eċċezzjonijiet fil-mertu

5. Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fil-liġi u għandhom jiġu miċħuda flintier tagħhom bl-ispejjeż kontra r-rikorrent;

6. Illi l-esponenti jeċċepixxu illi l-fatti kif dikjarati mir-rikorrent qegħdin jiġu kkontestati stante li ma seħħet l-ebda irregolarita' jew illegalita' min-naħa talesponenti fir-rigward tal-applikazzjoni tar-rikorrenti bħal ma ser jiġi muri fil-mori tal-kawżi. Fil-qosor, dak li ġara f'dan il-każ kien li nhar l-erbgħa (4) ta' Frar, elfejn u sittax (2016) inħarġu żewġ sejħiet fi ħdan id-Dipartiment tal-Proġetti u Żvilupp tal-Ministeru għal Għawdex, waħda rigward pożizzjoni ta' supervisor (Ċittadella) u l-oħra rigward pożizzjoni ta' supervisor (Beach Cleaning). Ir-rikorrent applika għażżewġ pożizzjonijiet, u ġie klassifikat ir-raba' fl-ordni tal-mertu minn dawk li applikaw għall-pożizzjoni ta' supervisor (Ċittadella), skont ir-riżultat maħruġ nhar issebgħa u għoxrin (27) ta' Ġunju tal-istess sena (2016), u l-ħdax fl-ordni tal-mertu minn dawk li applikaw għall-pożizzjoni ta' supervisor (Beach Cleaning) skont irriżultat maħruġ nhar it-tlettax (13) ta' Ottubru tal-istess sena (2016). Għallpożizzjoni ta' supervisor (Ċittadella) intgħażlu l-ewwel żewġ kandidati klassifikati, u għall-pożizzjoni ta' supervisor (Beach Cleaning) intgħażlu l-ewwel sitt kandidati klassifikati, b'riżultat illi r-rikorrenti ma intgħażilx għall-ebda pożizzjoni. Sussegwentement, minħabba l-eżiġenzi tas-servizz, ġara li fil-ħamsa (5) ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017) kien hemm bżonn li jsir xogħol ta' natura urġenti fiċ-Ċittadella u għalhekk tlett supervisors intbagħtu fiċ-Ċittadella. Dan kien possibbli għaliex

fix-xitwa kien hemm bżonn inqas nies ħaddiema għal Beach Cleaning bil-konsegwenza li d-Dipartiment trasferixxa b'mod temporanju tlett supervisors tal-Beach Cleaning għaċ-Ċittadella. Din id-deċiżjoni ttieħdet b'mod regolari skont prassi normali f'ċirkostanzi fejn ikun hemm nuqqas ta' xogħol f'post u eżiġenza temporanja f'ieħor u għalhekk l-allegazzjoni tar-rikorrent illi tali deċiżjoni saret b'mod illegali hija fiergħa u nfondata. Dan kollu ser jiġi pruvat tul it-trattazzjoni tal-kawża;

7. Illi l-allegazzjoni vantata mir-rikorrenti fir-rikors ġuramentat in risposta fejn jgħid illi "l-istess Ministeru għal Għawdex ikkonferma li kienet seħħet inġustizzja fil-konfront tal-esponenti f'email datata ħdax (11) ta' Settembru 2017 mibgħuta lill-Uffiċċju tal-Ombudsman, fejn l-istess uffiċju ġie infurmat: "B'riferenza għall-każ R0099, nixtieq ninfurmak li saret talba lill-OPM sabiex inżidu aktar supervisors minn calls li ħarġu. Jekk din it-talba tiġi approvata, is-Sur Muscat jingħata promotion ta' supervisor" hija infondata u żbaljata stante li din is-seħja għall-iżjed supervisors ma kinitx waħda konsegwentali għar-rapport li għamel ir-rikorrent mal-Uffiċju tal-Ombudsman u lanqas ma kienet maħsuba biex tagħmel tajjeb għal xi inġustizzja li allegatament setgħet saret. Illi fil-fatt, li ġara kien illi l-esponenti Segretarju Permanenti John Borg ivverifika jekk kienx hemm xi bidliet fil-pjanijiet tar-riżorsi umani, iżda irriżulta illi dawn kienu baqgħu l-istess. Din l-email għandha turi izjed bic-car illi lesponenti ma riedu b'ebda mod iwaqqfu lir-rikorrenti milli jieħu l-promozzjoni imma l-esponenti marbutin mal-pjanijiet ta' riżorsi umani kif maħruġa;

8. Illi reċentement iżda fil-perjodu minn qabel ma r-rikorrenti intavola rrikors promotur, inħarget sejħa oħra għall-pożizzjoni ta' supervisor, liema sejħa għadha miftuħa sal-ġurnata tal-lum u r-rikorrent għadu fiċ-ċans illi japplika għal din is-sejħa u għalhekk din il-Qorti għandha tqis jekk il-mertu tal-kawża odjerna huwiex fil-verita' eżawrit;

9. Illi in kwantu illi r-rikorrent qiegħed jitlob bħala rimedju illi jingħata l-promozzjoni mitluba, l-esponenti jeċċepixxu illi dina l-Onorabbli Qorti ma tistax tagħti tali rimedju u dan peress illi f'kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju il-Qorti hija prekluża milli tagħti rimedju iżda hija limitata

biss li tordna t-tħassir tad deċiżjoni in kwistjoni u dan peress illi l-Qorti hija prekluża milli tieħu d-deċiżjoni flok l-awtorita' kompetenti. Semmai f'każ li l-Qorti tiddeċiedi illi tħassar id-deċiżjoni meħuda millesponenti, il-kwistjoni tiġi rimessa mill-ġdid lill-konvenuti biex huma jagħtu rrakomandazzjoni u deċiżjoni tagħhom fit-terminu tal-kunsiderazzjonijiet kollha rilevanti;

10. F'kull każ, mhux minnu li l-eċċepjenti abbużaw mis-setgħa tagħhom, jew b'xi mod aġixxiew b'mod irraġonevoli jew mhux proporzjonat.

11. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

12. Bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrent.»

**Rat** is-sentenza preliminari mogħtija nhar it-22 ta' Settembru 2020 fejn ċaħdet l-erba' eċċezzjonijiet preliminari mressqa mill-intimati bl-ispejjeż kollha kontra l-istess intimati;

**Rat** d-dokumenti esibiti;

**Semgħet** il-provi;

**Rat** in-noti ta' sottomissjonijiet;

**Rat** l-atti kollha ta' din il-kawża;

**Rat** li din il-kawza tinsab differita għas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

**Provi Prodotti**

Xehed permezz tal-affidavit l-attur Paul Muscat fejn spejga li huwa kien applika għall-post ta' supervisor fiċ-Ċittadella wara sejħa mill-Ministeru għal Għawdex liema sejħa kienet ħarġet fi Frar 2016 bir-referenza 27/2016. Huwa żied jgħid li għalkemm kien hemm ħafna li applikaw, kienu sitta biss li għaddew. Skont ir-riżultat li kien ħareġ f'Ġunju 2016, huwa kien ġab sitta u ħamsin (56) punt u kien ġie r-raba' post minn sitta. Saħaq li kien hemm żewġ postijiet vakanti għal supervisors fiċ-Ċittadella u kienu ntgħażlu George Scicluna, li kien ġie fit-tieni post, u Francis Vella, li kien ġie fil-ħames post, u dan minħabba illi Ian Masini, li kien ġie fl-ewwel

post, ġie sekondat mal-Ministeru għal Ghawdex, u Joseph Refalo, li ġie fit-tielet post, ingħata promozzjoni oħra. Xehed li minkejja li huwa kien ġie fir-raba' post baqa' ma ntgħażilx, u minflok kien intgħażel l-persuna li kien gab inqas punti minnu, u b'hekk dak li seħħ kien imur kontra r-rizultat stess li kien ħareġ il-Bord tal-Għażla.

Spjega li kien għamel rapport mal-Uffiċċju tal-Ombudsam li kien ikkonkluda li huwa kien sofra inġustizzja meta ma ingħatax il-promozzjoni, filwaqt illi l-Ministeru għal Għawdex sostna illi seta' jagħżel lil Francis Vella għall-kariga ta' Supervisor Ċittadella minħabba li l-istess Francis Vella kien mar qablu għall-intervisti li saru għall-kariga ta' Supervisor Beach Cleaning. Xehed li dawn kienu applikazzjonijiet differenti għal żewġ postijiet differenti u għalhekk ir-riżultat ta' waħda ma setax jgħodd jew japplika għall-oħra. Insista li preċedentement għall-ħruġ tar-riżultat tal-beach cleaning, huwa kien applika għall-Supervisor l-Isptar, fejn kien ġie it-tielet, u kieku r-riżultat ta' applikazzjoni kien jgħodd ghall-applikazzjoni oħra, kien messu ngħata l-pożizzjoni ta' Supervisor fiċ-Ċittadella abbażi tar-riżultat tal-Intervisti li kien għamel għal Supervisor l-Isptar, ħaġa li ma seħħitx minħabba illi kull applikazzjoni ma tkunx tgħodd għall-applikazzjoni oħra. Saħaq ukoll, li anke kif kien ikkonferma l-Ombudsman fir-rapport tiegħu, il-kariga ta' Supervisor (Beach Cleaning) hija pożizzjoni meqjusa bħala waħda inferjuri fejn jidħol kwalità ta' xogħol għal dik ta' Supervisor fiċ-Ċittadella u b'hekk r-riżultat tal-applikazzjoni tal-Beach Cleaning ma setax jintuża għal dak taċ-Ċittadella. Kompla jgħid li fatt magħruf ieħor huwa illi persuna li tkun ħadet il-promozzjoni ma tkunx tista' tapplika għal transfer peress li tkun fil-perjodu tal-prova, u dan a kuntrarju ta' dak li qal il-Ministeru għal Għawdex fir-risposta tiegħu lill-Uffiċċju tal-Ombudsman li infurmawh li kienet saret talba biex iżidu aktar supervisors u li jekk tali talba tiġi milqugħa Paul kien ser jingħata promotion ta' Supervisor.

Qal illi huwa ħa l-pożizzjoni ta' Supervisor fis-sena 2019, skont l-ittra tal-ħatra datata tmintax (18) ta' Marzu 2019, liema dewmien ikkawżalu telf ta' żmien biex jagħmel progress minn skala ghall-oħra tal-pagi taċ-ċivil. Spjega illi qabel il-promozzjoni kien scale 16 u li malli ħa l-promozzjoni beda jieħu l-increments biex jitla' għal scale 15 iżda biex wieħed jitla' minn scale għall-oħra f'pożizzjoni ta' Supervisor hemm perjodu ta' ħames (5) snin u li kieku huwa ngħata l-promozzjoni fis-sena 2016, fis-sena 2021 huwa kien jitla'

għal scale 15. Però minħabba tali dewmien ser jasal għal tali zieda fis-sena 2024, u dan bla dubju affetwalu l-scales ta' wara wkoll.

Saħaq illi biex tkun fi scale partikolari trid tapplika, u minħabba li huwa waqa' lura bi tliet (3) snin, l-applikazzjonijiet li kienu ħarġu ma setax japplika għalihom u għalhekk kien tilef iċ-ċans li jtejjeb il-pożizzjoni tiegħu peress li f'dawk it-tliet (3) snin huwa kien tilef ukoll l-allowances tal-Ħdud u Festi Pubblici u anke possibilità li jsir overtime. Temm jgħid li sempliċiment għax ma ġietx rispettata l-ordni tal-mertu tal-intervisti li kienu saru għall-applikazzjoni ta' Supervisor Ċittadella, dan wassal għal telf ta' qligħ għalih u kien għalhekk li huwa għamel tali kawża sabiex jitlob il-ħlasijiet li huwa tilef.

L-attur kompla jixhed nhar it-12 ta' Lulju 2022 fejn spejga li kien applika għall-post ta' Foreman, skont iċ-ċirkolari maħruġ mill-Ministeru PMX6 u d-dokument PMX7, juri post ieħor li huwa ma setax japplika għax ma kienx Assistant Foreman, filwaqt li dokument PMX8 juri ittra li bagħat hu lil PSC fejn hu oġġezzjona għax ma ħallewhx jagħmel l-eżami tal-Assistant Foreman. Kompla jgħid li Dokument PMX9 hija r-risposta ta' PSMC li huwa mhux Assistant Foreman; filwaqt li PMX10 u PMX11 juru l-applikazzjonijiet tiegħu għal Senior Foreman. Spjega wkoll li Dokument PMX12 juri l-GP antika.

Huwa xehed ukoll fil-21 ta' Marzu 2023 li fiha kkonferma bil-ġurament xi dokumenti li ġew esibiti.

Nhar il-15 ta' Ġunju 2021, xehed **Keith Vella Muscat**, impjegat mal-Construction Maintenance Unit, il-Kajselli, fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex. Huwa kien iċ-chairperson tas-selection board fi żmien tal-applikazzjonijiet in kwistjoni. Meta ġie muri dokumenti annessi mar-rikors ġuramentata, huwa kkonferma li dokument minnhom kienet il-korrispondenza ma' Paul Muscat meta kien qallu biex imur għall-intervista u esibixxa dokument bir-riżultat uffiċjali tas-sejħa.

**John Cremona** xehed li sas-sena 2019 kien inkarigat mill-uffiċċju taċ-Ċittadella. Huwa spjega li l-uffiċċju li fih kien jaħdem kien inkarigat minn restawr u manutenzjoni taċ-Ċittadella u l-konklużjoni tal-proġett li kien finanzjat mill-Unjoni Ewropea. Saħaq illi huwa ma kellux x'jaqsam mas-sejħa tal-applikazzjoni u li l-informazzjoni ġabaraha mid-dipartiment

konċernat. Spjega li: Francis Vella kien ġie appuntat fis-7 ta' Novembru 2016, Ian John Masini fil-21 ta' Lulju 2016 u George Scicluna fil-21 ta' Lulju 2016. Kompla jispjega li skont ir-rekord tad-Dipartiment Ian Masini u Goerge Scicluna għadhom jaħdmu bħala Supervisors fil-Ministeru ta' Għawdex. Xehed li fi żmien li kien jaħdem hemm hu, kien hemm 23 Supervisors u 8 Foremen fil-Ministeru ta' Għawdex u bħala head tad-Dipartiment tal-Corporate Services li kien inkarigat mill-postings dak iż-żmien kienet id-DG Carmen Galea Ogilvie.

Nhar l-24 ta' Settembru 2021 xehdet **Carmen Oglivie** fil-kapaċità tagħha ta' Direttur Ġenerali fil-Ministeru u spjegat li, skont il-collective agreement, Supervisor A Class jidħol fi skala 16, wara 5 snin jitla' għal skala 15 u wara 5 snin jitla' għal skala 14. Spjegat li fis-sena 2016, il-paga massima tal-iskala 16 kienet ta' €14,013; il-paga massima tal-iskala 15 kienet ta' €14,951 u il-paga massima tal-iskala 14 kienet ta' €15,937. Kompliet tispjega li wieħed jilħaq il-massimu permezz tal-increments u ġeneralment wieħed jidħol fi step 3 u maż-żmien jilħaq step 7, li jirrifletti l-massimu tal-paga. Tali proċedura hija li kull sena persuna titla' minn step għal iehor. Saħqet illi Paul Muscat meta ħarġet is-sejħa kien skala 17 fil-massimu tagħha u kellu paga ta' €13,142. Qalet li fis-sena 2016 tali kariga kienet ittieħdet minn Ian Masini u George Scicluna; qabel tali kariga Ian Masini kien skala 17 fil-massimu tagħha u meta laħaq Supervisor beda minn skala 16 step 6, filwaqt li George Scicluna qabel tali kariga kien skala 18 fil-massimu tagħha u wara li laħaq kien fi skala 16 step 3. Kompliet tispjega li persuna li tintalab taħdem il-Ħadd, titħallas doppju u fil-festi publiċi titħallas tripla, filwaqt li jekk il-festa pubblika taħbat il-Ħadd, titħallas doppja, u jekk wieħed ikun fi skala 16, wara 5 snin ikun jista' japplika għall-sejħiet bi skala 15.

Carmen Oglivie Galea kompliet tixhed nhar it-13 ta' Jannar 2023 fejn saħqet illi Paul Muscat kien tefa' applikazzjoni għal Supervisor taċ-Ċittadella li kienet ħarġet fi Frar ta' 2016 u kien ġie r-raba'. Spjegat iżda li kienu appuntaw l-ewwel tnejn biss. Qalet li kieku ħa l-kariga dakinhar Muscat kien jidħol skala 16 u wara 5 snin kien jitla' skala 15. Kompliet tgħid li sabiex kien ikun eligibbli għas-sejħa ta' assistant foreman ried ikun fi skala 15. Kompliet tispjega li Paul kien applika wkoll ghall-supervisor beach cleaning li ħarġet fl-istess żmien tas-sejħa għal supervisor taċ-Ċittadella, u li l-proċess tagħha kien itwal. Qalet li kien hemm applikazzjoni

oħra għal Supervisor li kienet ġiet suppressed u wara kien reġa' applika għal Supervisor fl-2018, fejn kien ġie fir-raba' post u ġie appuntat f'Marzu 2019. Qalet li l-ewwel darba li applika għal foreman huwa ma kienx eliġibbli għax ma kinux għaddew il-5 snin u allura ma kienx fi skala 15. Għas-sejħa tal-foreman li kienu għadhom kemm ħarġu r-riżultati tagħhom, huwa ma kienx eliġibbli lanqas u biex kien ikun eliġibbli għall-kariga ta' assistant foreman ried jidħol fl-ewwel sejħa. Spjegat li kieku huwa ħa l-kariga ta' Supervisor fl-ewwel sejħa, kien ikun eliġibbli għas-sejħa ta' assistant foreman u kien jidħol fi skala 13 fl-2024 b' paga tkun ta' €18,193. Saħqet li r-riżultat għall-kariga ta' foreman għadu kemm ħareġ u li għadu ma ġie appuntat ħadd. Qalet illi kieku daħal assistant foreman, wara li kienu jgħaddu s-sitt (6) xhur probation u wara li kienu jikkonfermaw li kien eliġibbli biex japplika għas-sejħa, anke li kieku huwa ħa l-inkarigu f'Novembru 2021, xorta wahda ma kienx ikun eliġibbli għax ma jkunx għadda l-probation period għax il-closing date kienet fil-21 ta' Frar. Fuq il-paga saħqet illi kieku daħal bħala Supervisor taċ-Ċittadella l-ewwel darba, u kieku għaddew il-ħames snin u applika għas-sejħa, Muscat kien ikun eliġibbli. Spjegat li kieku ġie appuntant bħala assistant foreman kien jidhol fi skala 13 step 3 u l-paga s-sena ta' qabel kienet €18,193. Kieku Paul Muscat daħal bħala assistant foreman fit-8 ta' Novembru 2021, ma kinux ħa jilħqu jgħaddu s-sitt (6) xhur qabel għax is-sejħa ta' foreman ħarġet fl-21 ta' Frar 2022 u ma kienx ikun eliġibbli. Saħqet illi kieku ħa l-kariga ta' assistant foreman il-paga l-ġdida kienet tibda mid-data tal-promotion. Sa issa kieku laħaq Supervisor taċ-Ċittadella mal-ewwel sejħa kien ikun eliġibbli biss sa assistant foreman u li kieku jgħaddu s-sitt (6) xhur kien ikun jista' japplika għall-foreman. Kieku Paul Muscat kien eliġibbli biex jidħol foreman kien jidħol fi skala 12 step 3.

Xehed **Julian Vella** nhar l-24 Settembru 2021 impjegat bħala plasterer fil-Manutenzjoni fuq iċ-Ċittadella. Huwa spjega li kien ilu jaħdem hemm mill-2016, bl-imgħallem tiegħu jkun George Scicluna iżda hu m'għadux miegħu, u minflok qiegħed ma' Chalie Cassar. Qal li qabel Chalie kien hemm Frankie Vella li dam bejn wieħed u ieħor mill-2016 sa 2018. Qal illi Ian Masini kien hemm ukoll però ma kienx dam għax kien mar ix-Xewkija. Kompla jgħid li jaħseb li Ian Masini kien jaħdem hemm fl-2018 u dam ftit xhur sakemm mar jaħdem iċ-ċimiterju. Qal li issa qiegħed il-Fanal filwaqt li Frankie Vella kien Supervisor. Meta mistoqsi fuq Joseph Haber huwa

qal illi dan kien beda jahdem hemm fl-2016 u li kien ghadu hemm bħala Supervisor.

Nhar it-18 ta' Novembru 2021, xehed **Francis Vella** li ħa l-kariga bħala Supervisor fiċ-Ċittadella nhar is-7 ta' Novembru 2016 u beda jaħdem fl-10 ta' Novembru 2016 fejn dam jaħdem hemm sal-aħħar ta' Lulju tas-sena 2017. Saħaq illi qabel laħaq bħala Supervisor fiċ-Ċittadella huwa kien applika għal tali kariga madwar ħmistax jew xahar qabel.

**Felix Cefai** xehed fit-12 ta' Lulju 2022 u spjega li l-kariga tiegħu hija ta' Principal fil-Ministru ta' Għawdex, People Management Unit u skont il-GP47 Paul Muscat laħaq Supervisor fil-11 ta' Marzu 2019.

**Joyce Farrugia** xehdet li kienet chairperson fl-applikazzjoni ta' assistant foreman fil-Ministeru għal Għawdex bir-referenza HRMG 36/2021. Qalet li Paul Muscat kien wieħed mill-applikanti. Paul Muscat irriżulta li ma kienx eliġibbli għal din is-sejħa. Qalet li s-sejħa ħarġet fis-6 ta' Awwissu 2021. Qalet li l-interviews inżammu fl-4 ta' Ottubru 2021.

**Ian Masini** xehed li huwa kien laħaq supervisor fiċ-Ċittadella mal-Projects Department fil-21 ta' Lulju 2016. Imbagħad kien dam jaħdem hemmhekk madwar sentejn sakemm talab għal transfer għaċ-ċimiterju ta' Santa Marija. Qal li kien għamel sitt xhur jaħdem il-Ministeru għax kien sekondat hemm meta ħa l-promozzjoni tas-Supervisor Ċittadella iżda mbagħad kien tela' jaħdem ġewwa ċ-Ċittadella u dam madwar sentejn. Ikkonferma li huwa applika għall-kariga ta' assistant foreman u spjega li meta applika għal din il-promozzjoni, kien fi skala 15.

**Ikkunsidrat**

Qabelxejn, din il-Qorti tqis li t-tieni talba u ċjoè fejn intalab li din il-Qorti għandha tordna lill-intimati sabiex b'mod immedjat huma jagħtu lir-rikorrenti l-promozzjoni ta' Supervisor (Ċittadella) jew inkella promozzjoni ekwivalenti, illum ġiet sorvolata peress li permezz ta' ittra datata 18 ta' Marzu 2019 (a fol 117 tal-proċess), ir-rikorrenti ngħata l-ħatra ta' supervisor. Infatti, fl-ittra hemm stipulat li:

> «*Ghandi pjacir ngharrfek, li bis-sahha ta' delega moghtija mill-Prim Minsitru that artiklu 110 tal-Kostituzzjoni, jien approvajt li tinti tinhatar Supervisor*

*fid-Direttorat għall-Progetti u Zvilupp fi ħdan il-Ministeru għal Għadwex, b'salarju ta' Eur 13,530 x Eur 263.00 – Eur 15,108.00 fis-sena, b'seħħ mill-11 ta' Marzu 2019. Ini għandhek taqdi d-dmirijiet tiegħek fil-Minsteru għal Għawdex, u għandek ukoll id-dmir li taqdi kull xogħol ieħor li l-Gvern jista jeħtieġ minnek.*»

Illi għalhekk din il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba.

**Ikkunsidrat:**

**Kunsiderazzjonijiet fil-mertu**

Irrizulta mill-atti proċesswali li Paul Muscat kien applika għal sejħa għal pożizzjoni ta' Supervisor (Ċittadella) liema sejħa kienet iġġib in-numru ta' referenza 27/2016. Din is-sejħa kienet inħarġet fl-4 ta' Frar 2016. Ir-riżultat għal tali sejħa ħareġ fis-27 ta' Ġunju 2016, bir-riżultat ikun is-segwenti:

| | Isem tal-Applikant | Numru tal-Karta tal-Identità | Marka | Ordni tal-Mertu |
|---|---|---|---|---|
| 1. | Ian Masini | 2968(G) | 73 | 1 |
| 2. | George Scicluna | 12068(G) | 70 | 2 |
| 3. | Joseph Refalo | 26158(G) | 66 | 3 |
| 4. | Paul Muscat | 1269(G) | 56 | 4 |
| 5. | Francis Vella | 5587(G) | 53 | 5 |
| 6. | John Spiteri | 70260(G) | 50 | 6 |

Irriżulta li għal din il-kariga ta' supervisor (Ċittadella) kien hemm żewġ postijiet vakanti. Skont l-attur, dawn ingħataw lil George Scicluna li ġie fit-tieni post u lil Francis Vella li ġie fil-ħames post. L-attur saħaq li Ian Masini li ġie fl-ewwel post ġie sekondat mal-Ministeru għal Għawdex, filwaqt li Joseph Refalo li ġie fit-tielet post, ingħata l-pormozzjoni b'rabta ma' applikazzjoni oħra li kien għamel ta' supervisor (Beach Cleaning). Huwa minħabba l-fatt li, minkejja li ġie fir-raba' post ghall-applikazzjoni ta' supervisor (Cittadella), ma ntgħażilx iżda ntgħażel dak li ġie warajh u ċjoè Francis Vella, li saret din il-kawża.

Daparti tal-intimati, dawn saħqu sa mill-bidu nett fis-sitt eċċezzjoni ġuramentata tagħhom li fis-7 ta' Novembru 2016, Francis Vella ngħata l-

pożizzjoni ta' supervisor (Beach Cleaning) iżda mbagħad minħabba l-eżigenzi tas-servizz huwa ntbagħat jagħmel xogħol ta' supervisor (Ċittadella) għal żmien temporanju. Għalhekk, l-intimati allegaw li ma kien hemm l-ebda deċiżjoni illegali. L-intimati insistew li din kienet miżura temporanja li setgħet isseħħ peress li skont is-sejhiet maħruġa, ħatriet bħal dawn jinkludu l-kundizzjoni li wieħed ikun jista' jiġi trasferit skont il-ħtiġijiet tas-servizz.

Din il-Qorti kkunsidrat il-provi prodotti u d-dokumenti esibti. Tqis is-segwenti:

- Skont Dok PM1, fl-4 ta' Frar 2016, inħarget sejha għal *post of supervisor (Ċittadella) in the Projects and Development Directorate within the Ministry for Gozo*. Din kienet iġġib in-numru MG27/2016 Circular No HR/MG 4/2016. Din is-sejħa reġgħet ġiet esibita a fol 290 et seq u mmarkata bħala Dok GS2;
- Skont Dok PM2, fil-5 ta' April 2016, ir-rikorrenti ntalab biex jersaq għal interview in konnessjoni ma' din is-sejħa;
- Skont Dok KVM 1, inħarġu r-riżultati in konnessjoni ma' MG 27/2016 li fih ġew fl-ewwel post Ian Masini, fit-tieni post George Scicluna, fit-tielet post Joseph Refalo, fir-raba' post Paul Muscat, fil-ħames post Francis Vella u fis-sitt post John Spiteri;
- Skont Dok CG1 a fol 161, Ian Masini u George Scicluna ġew appuntati bħala Supervisors fil-21 ta' Lulju 2016, mentri Francis Vella, John Spiteri, Joseph Refalo, Mario Debono, Paul Sultana u Joseph Grima laħqu supervisors fis-7 ta' Novembru 2016. Peter Paul Camilleri, Mario Muscat u Saviour Vella laħqu supervisors fil-5 April 2017;
- Skont Dok CG2 a fol 176 jirriżulta li Ian John Masini kien ġie appuntat supervisor (Ċittadella) mal-Works, Project & Development Directorate fil-21 ta' Lulju 2016 u mbaghad ġie trasferit mal-Health Inspectorate, Customer Services Directorate fl-1 ta' Diċembru 2017 u sussegwentement reġa' ġie trasferit fil-25 ta' Gunju 2020, fit-22 ta' Marzu 2021, u fil-11 ta' Mejju 2021 f'Direttorati u/jew sezzjonijiet oħra. Mill-istess dokument a fol 177 jirriżulta li George Scicluna kien gie appuntat supervisor (Ċittadella) mal-Works, Project &

Development Directorate fil-21 ta' Lulju 2016 iżda mbagħad ġie trasferit fl-1 ta' Diċembru 2017 mal-Health Inspectorate, Customer Services Directorate u sussegwentement sar trasferiment fit-2 ta' Jannar 2020 mal-Cultural Heritage Directorate. Mill-istess dokument Dok CG2 a fol 178 jirriżulta li Francis Vella kien ġie appuntat Supervisor mal-Cleansing Dept., Projects & Development Directorate fis-7 ta' Novembru 2016 u sussegwentement ġie trasferit għal Head Office, Projects & Development Directorate fl-4 ta' Settembru 2017 u reġa' ġie trasferit għal direttorati u/jew sezzjonijiet oħra fit-12 ta' Novembru 2018 u fit-2 ta' Settembru 2019.

- Mix-xhieda ta' John Cremona mogħtija fil-15 ta' Ġunju 2021, irriżulta li fil-21 ta' Lulju 2016 ġew appuntati għall-pożizzjoni ta' Supervisor (Ċittadella) Ian Masini u George Scicluna. Dawn kienu l-ewwel zewg persuni li kklassifikaw ghal din il-pozizzjoni skont l-ordni tal-mertu.
- Skont Dok GS 1, b' mod partikolari fit-tielet pagna ta' dan id-dokument li tinsab fol 287 gie mnizzel is-segwenti:

> «*Summary of calls that Mr Muscat have applied for*
>
> 1. *Post of Supervisor (Cittadella) in the Projects and Development Directorate (MG File 27/2016) (Circular No. HR/MG 4/2016)*
>
> - *Date of Call 4th February 2016*
> - *Closing Date of Call 23rd February 2016*
> - *Result valid for a period of one year till 26/06/2017*
> - *Successful – placed 4th (order of merit) but only the first two were appointed:*
>   *Ian Masini (2968G) – 21/07/2016*
>   *George Scicluna (12068G) – 21/07/2016*
>
> 2. *Post of Supervisor (Beach Cleaning) in the Projects and Development Directorate (MG File 28/2016) (Circular No. HR/MG 3/2016)*
>
> - *Date of Call 4th February 2016*

- *Closing date of Call 23rd February 2016*
- *Result valid for a period of one year till 12/10/2017*
- *Successful – placed 11th (order of merit) but only the first nine were appointed:*
  *Joseph Grima (255562G) – 07/11/2016*
  *Francis Vella (55857G) – 07/11/2016*
  *Paul Sultana (21364G) – 07/11/2016*
  *Joseph Refalo (26158G) – 07/11/2016*
  *John Spiteri (70260G) – 07/11/2016*
  *Mario Debono (34566G)- 07/11/2016*
  *Saviour Vella (320072M) -05/04/2017*
  *Mario Muscat (44158G) – 05/04/2017*
  *Peter Paul Camilleri (18163G)- 05/04/2017*»

- Skont Dok GS2 a fol 293 et seq tal-proċess, kienet inħarġet sejħa fl-4 ta' Frar 2016 bin-numru MG 28/2016 Circular No. HR/MG 3/2016 għal *post of supervisor (Beach Cleaning) in the Projects and Development Directorate within the Ministry for Gozo.* F'din is-sejħa kien hemm imniżżel li wieħed mid-dmirijiet ta' supervisor (beach cleaning) kien "*any other duties according to the exigencies of the Public Service as directed by the Principal Permanent Secretary.*" (Vide artiklu 3n ta' Dok GS 2 a fol 294)
- Skont Dok GS 5 a fol 319 et seq b' mod partikolari fol 322 jirriżulta għal darb'oħra li Francis Vella ġie maħtur supervisor mal-Cleansing DPD fis-7 ta' Novembru 2016 u sussegwentement ġie trasferit għal HOF, DPD, MGOZ fl-4 ta' Settembru 2017, sakemm imbagħad ġie trasferit għal darb'oħra fit-12 ta' Novembru 2018 u kif ukoll fit-2 ta' Settembru 2019.

**Ikkunsidrat**

Meta din il-Qorti qieset id-dokumenti fuq elenkati, jirriżulta b' mod evidenti li għas-sejha ta' Supervisor (Ċittadella) kienu ġew magħżula dawk

iż-żewġ applikanti li ġew fl-ewwel u fit-tieni post u ċjoè Ian Masini u George Scicluna. Infatti dawn ġew appuntati fil -21 ta' Lulju 2016.

Għalkemm l-attur jargumenta li Ian Masini kien ġie sekondat xi mkien ieħor u għalhekk kellu jintgħażel persuna oħra biex timla l-post ta' Supervisor (Ċittadella), mid-dokumenti esibiti jirriżulta li dawk il-persuni li ġew trasferiti bħala Supervisors (Ċittadella) inġiebu minn Supervisors (Beach Cleaning). Infatti, Francis Vella ġie appuntat bħala Supervisor mal-Beach Cleaning Directorate fis-7 ta' Novembru 2016 u sussegwentement ġie trasferit fiċ-Ċittadella fl-4 ta' Settembru 2017, sakemm imbagħad ġie trasferit għal darb'oħra fit-12 ta' Novembru 2018. Mir-risposta ġuramentata u anke mid-dokumenti esibiti, ma jirriżultax li Francis Vella ġie maħtur bħala Supervisor (Cittadella). Huwa ġie maħtur ferm wara li nħatru Supervisors (Ċittadella) u dak li seħħ kien li minħabba eżiġenzi tax-xogħol, xi supervisors tal-Beach Cleaning ġew imċaqilqa għaċ-Ċittadella. L-attur saħaq li Francis Vella ġie maħtur bħala Supervisor (Ċittadella) nonostante li Francis Vella kien ġab inqas marki minnu u li għalhekk la kien hemm il-bżonn ta' supervisors fiċ-Ċittadella kellhom ilaħħqu lilu għaliex huwa kien imiss skont l-ordni ta' mertu. Iżda mill-provi u dokumenti esibiti, ma jirriżultax li hekk ġara fir-realtà. Dak li ġara kien li nhatru żewġ persuni bħala Supervisor (Ċittadella) liema persuni kienu ġew l-ewwel u t-tieni post. Sussegwentement, laħqu supervisors oħra fil-beach cleaning, u meta fiċ-Ċittadella kien hemm bżonn ta' supervisor, minflok ma ħatru supervisor (Ċittadella) ġdid, ittieħdet deċiżjoni li jordnaw transfer ta' supervisors mill-beach cleaning għaċ-Ċittadella, sabiex b'hekk ma jinħatrux aktar supervisors u fl-istess ħin jiġu utilizzati supervisors f'sezzjoni li fix-xitwa ma tkunx tinħtieġ daqshekk kwantità ta' ħaddiema. Inoltre, mix-xhieda ta' Ian Masini, huwa spjega fix-xhieda tiegħu li meta laħaq supervisor (Ċittadella) dam biex issekondat il-Ministeru għal xi sitt xhur għaliex imbagħad mar jaħdem bħala supervisor (Ċittadella) u għamel hemm madwar sentejn sakemm talab għal transferiment għaċ-ċimiterju.

Għaldaqstant, din il-Qorti ma tqisx li dak allegat mill-attur fir-rikors ġuramentat ġie ppruvat. Fir-rikors ġuramentat din il-Qorti ma ntalbet fl-ebda ħin li tidħol f'xi eżami jekk id-deċiżjoni li ttieħdet dwar transfer ta' supervisors mill-beach cleaning section jintbagħtu fiċ-Ċittadella kinitx waħda legali u/jew ġusta. L-azzjoni tal-attur ġiet imsejsa biss fuq allegazzjoni li ġaladarba kien hemm żewġ postijiet li riedu jimtlew bħala

supervisor (Ċittadella), skont l-ordni tal-mertu huwa kien imissu jingħata din il-promozzjoni, ġaladarba Ian Misani ġie sekondat mal-Ministeru għal Għawdex. Madanakollu, irriżulta li l-lanjanza tal-attur u ċjoè li Francis Vella qabżu u ħadlu postu nonostante li kien ġie warajh fl-ordni tal-mertu ma treġiex. Francis Vella ma ġiex magħżul bħala Supervisor (Ċittadella). Francis Vella ġie maħtur xhur wara li ġew maħtura żewġ supervisors (Ċittadella) u ġie trasferit ġewwa ċ-Ċittadella b'mod temporanju minħabba eżigenzi tax-xogħol żmien wara.

Infatti, is-sejħa tal-post ta' supervisor (Ċittadella) inħarġet fl-4 ta' Frar 2016 u r-riżultat għal tali sejħa kien validu biss għal perjodu ta' sena u ċjoè sas-26 ta' Ġunju 2017. Francis Vella ġie trasferit bħala supervisor fiċ-Ċittadella fl-4 ta' Settembru 2017 u ċjoè xhur wara li kienu skadew il-validità tar-riżultati tas-sejħa MG 27/2016 għal supervisors (Ċittadella). Għalhekk, dak li qed jargumenta l-attur ma huwiex fondat peress li meta effettivament Francis Vella ġie trasferit bħala supervisor fiċ-Ċittadella, Paul Muscat lanqas kellu l-ebda riżultat validu a favur tiegħu fir-rigward ta' dan il-post ta' supervisor (Ċittadella) għax il-validità tar-riżultat ta' dik is-sejħa kien ġa skada. Dan kollu jkompli jikkonferma l-verżjoni dejjem mogħtija mill-intimati u ċjoè li Francis Vella ġie maħtur bħala supervisor (Beach Cleaning) u kien imbagħad minħabba eżigenzi tax-xogħol fiċ-Ċittadella u xogħol inqas fix-xhur tax-Xitwa fis-sezzjoni tal-Beach Cleaning, li ġie trasferit għaċ-Ċittadella.

L-attur jistrieħ fuq il-kontenut tal-ittra tal-1 ta' Diċembru 2017 esibita bħala Dok PM5. Madanakollu, f'din l-ittra, saru osservazzjonijiet dwar inġustizzja minhabba l-fatt li l-istess Paul Muscat ikklassifika fil-ħdax-il post għall-post ta' Supervisor (Beach Cleaning) li skont l-Uffiċjal Investigatur Anzjan hija kariga inferjuri għal dik ta' Supervisor (Ċittadella) u dana nonostante li Paul Muscat kien wieħed minn fost l-applikanti kollha li ghandu l-aktar kwalifiki u kklassifika fir-raba' post ghal post ta' Supervisor (Ċittadella). Jidher biċ-ċar mill-kontenut ta' Dok PM 5 li l-Uffiċjal Investigatur Anzjan daħal f'materji oħra li jmorru lil hinn mill-parametri ta' din il-kawża, peress li fir-rikors ġuramentat ma hemm l-ebda talba fir-rigward tar-riżultat li ottjena Paul Muscat għas-sejħa għall-post ta' Supervisor (Beach Cleaning). Din il-Qorti tqis li Dok PM5 jinkludu aspetti

li jmorru lil hinn minn din il-kawża u li din il-Qorti mhijiex sejra tieħu konjizzjoni tagħhom xħin tiġi biex tasal għad-deċiżjoni tagħha.

In vista ta' dan kollu, din il-Qorti sejra tiċħad l-ewwel talba tar-rikorrenti u konsegwentement, mhijiex ser tidħol f'eżami tal-provi l-oħra li nġabu dwar allegat telf u danni li sofra l-attur in konnessjoni ma' sejħiet li sussegwentement ħarġu għal karigi oħra.

**DECIDE**

Għaldaqstant, din il-Qorti tiddisponi mit-talbiet tal-attur billi tiċħad l-ewwel talba tal-attur, tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba, u konsegwenzjalment tiċħad it-tielet, ir-raba', il-ħames u s-sitt talbiet attriċi filwaqt li tilqa' l-ħames eċċezzjoni tal-intimati.

Tordna li l-ispejjeż ta' din il-kawza ħlief għall-ispejjeż relatati mas-sentenza in parte mogħtija fit-22 ta' Settembru 2020 għandhom jiġu sopportati mill-attur.

**(ft) Dr Simone Grech**
**Maġistrat**

**(ft) John Vella**
**D/Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**